MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2012

Numru 1266/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**
**(Spettur Roseanne Debattista)**

**vs**

**ALEXANDER ANGILERI**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **ALEXANDER ANGILERI** bin Mario u Catherine nee’ Salama imwieled nhar it-3 ta’ Marzu 1987 gewwa Pieta’ u residenti ‘Maracana’ Court, Flat 12, Triq it-Torri, Msida, Detentur tal-Karta ta’ Identita Numru 144887(M) gie imressaq quddiemha u akkuzat talli:

Nhar l-14 ta’ Novembru 2011 bejn is-2.00a.m. u it-3.00 a.m. fi Triq San Gorg, San Giljan gewwa Hugos Bar, ikkometta serq ikkwalifikat bil-hin ta’ mobile phone u hand bag ghad-dannu ta’ Graziella Fenech u

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-projbizjoni jew restrizzjoni imposta fuqu mill-Qorti Kriminali datata 14 ta' Dicembru 2010 b'ordni taht dan l-artikolu.

U aktar talli b'hekk fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sar recidiv ai termini tal-Artikolu 289 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tordna il-corpus delicti bis-sahha tal-Artikolu 23 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-ewwel opportunita' moghtija lilu nhar l-14 ta' Novembru 2011, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-Artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Illi dak in-nhar stess din il-Qorti giet infurmata li l-imptuat ghandu problema ta' abbuz ta' xorb u ghalhekk f'dik is-seduta stess, il-Qorti innominat lil Psikjatra Mark Xuereb sabiex janalizza lill-imputat u jirrelata dwaru sabiex jghinha meta tigi biex tapplika l-piena idoneja.

L-imputat informa l-Qorti li xtaq jibda proramm sabiex jindirizza l-problema akuta li huwa ghandu dwar abbuz ta' droga u kien lest a spejjez tieghu li jibda program sabiex jindirizza din il-problema gewwa l-fondazzjoni Oasi una

volta l-istess fondazzjoni taccettah bhala residenti full time.

Illi nhar it-22 ta’ Novembru 2011 xehed il-**Psikjatra Mark Xuereb** u pprezenta r-rapport tieghu li gie mmarkat bhala Dok MX. Spjega illi l-imputat ghandu zewg problemi, wahda ta’ abbuz ta’ sustanzi illeciti u l-ohra abbuz ta’ xorb u minhabba f’hekk ghandu *mental behaviour disorder*. Qal li huwa bniedem vulnerabbli u jinfluwenza ruhu hafna minn terzi u peress li ma jahsibx ghall-konsegwenzi ta’ ghemilu, m’ghandux judgment tajjeb fuq l-affarijiet u ghalhekk jaghmel dak li jghidulu l-ohrajn bla ma jahseb fil-konsegwenza ta’ ghemilu. Iddeskrivih bhala bniedem anzjuz u instabbli u ghalhekk il-*coping skills* tieghu ma jkunux tajbin bizzejjed biex jibqa’ *safe* ghalih u ghas-socjeta’. Tenna li l-imputat ghandu missier foster li jiehu hsiebu hafna u bl-ghajnuna tieghu hafna mill-problemi tieghu gew indirizzati.

Qal pero’ li ghalkemm huwa vulnerabbli hafna ghandu potenzjal u dan ghaliex l-imputat jaf jahdem fil-kcina jaghmel pastini u tajjeb fl-ikel u ghalhekk ghandu juza dan it-talent sabiex jaghmel karriera. Huwa tal-fehma li din il-Qorti ghandha ittih *chance* sabiex jirriabilita ruhu. Issuggerixxa li ghandu jaghmel programm sabiex jindirizza din il-problema u dan ghaliex fil-prezent l-imputat jinsab stabbli u ghalhekk possibilment ghandu jinzamm f’din it-triq. Iddikjara wkoll li lest li jaghtih l-ghajnuna tieghu f’kaz li ma jibqax pazjent l-Isptar Monte Carmeli.

Semghet lil **Noel Scerri** in rapprezentanza tal-fondazjoni Oasi jixhed nhar l-24 ta’ Novembru 2011 fejn qal li mhux lest li jaccetta lill-imputat bhala residenti peress li kien diga’ ghamel zewg programmi maghhom fil-passat.

Semghet lil **Jean Cali’** tixhed ghan-nom u in rappresentanza tal-Caritas u ddikjarat li fil-prezent ma hemmx post residenzjali ghall-imputat pero’ l-imputat jista’ jibda programm ta’ *evening sessions* b’mod individwali basta pero’ jkollu impieg regolari.

Il-Qorti ma tatx il-liberta’ provizorja lill-imputat pendenti dawn il-proceduri u dan sabiex tkun hija stess li timmonitorja s-sitwazzjoni u tara kif kien ser igib ruhu u jekk jibqax interessat li jindirizza il-problema ta’ abbuz ta’ droga u ta’ xorb.

Semghet lil **Marthese Cardona** tixhed u tghid li hija tfajla Ghawdxija u li tghix mal-genituri taghha Ghawdex pero’ qieghda f’relazzjoni ma’ l-imputat. Qalet li ghandha zewg impjiegi u li lesta tghin lill-imputat tant li anke thallas ghalih sabiex jindirizza il-problemi tieghu.

Illi nhar l-1 ta’ Frar 2012 regghet xehdet Marthese Cardona u spjegat illi hija kriet fond gewwa in-Nadur Ghawdex sabiex l-imputat imur jghix hemm. Qalet ukoll illi ghamlet hafna kuntatti sabiex issib impjieg ghall-imputat li lkoll taw rizultat pozittiv u speranza qawwija li jindikaw illi l-imputat jista’ jibda jahdem, pero’ hemm bzonn illi huwa jaghmel interview maghhom sabiex jigu finalizzati certu preparamenti.

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat u kellu din il-problema serja hafna u f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita sabiex vittmi ta' droga jfiequ minn dan il-vizzju.

Din il-Qorti ghamlet dan meta kienet konvinta li min kien quddiemha ried tassew u genwinament johrog minn dan il-problema u min wera rieda tajba w affidabilita’ u ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga’ jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta’.

Illi f'dan il-kaz il-Qorti thoss li ghandha taghti cans lill-imputat sabiex jirreintegra ruhu tajjeb fis-socjeta’ li wara kollox hu wkoll jaghmel parti minnha u dan ghaliex temmen li l-isforz tieghu huwa wiehed genwin.

Il-Qorti hija konxja tal-fatt li l-imputat huwa recidiv. Rat il-fedina penali tieghu esebita fl-atti u jirrizulta li diga’ nstab

hati fi tliet okkazjonijiet dwar akkuzi ta’ serq u darbtejn fuq pussess ta’ droga fejn huwa nghata opportunita’ li ma jmurx il-habs ghaliex il-Qorti kienet taghtu *suspended sentence*, *unconditional discharge* u *probation order* u nonostante dan rega’ kiser dufrejh u rega’ qieghed quddiemha akkuzat b’reat serju u cioe’ dak ta’ serq ghalkemm l-ammont huwa pjuttost zghir u dan ghaliex is-serqa tirrigwarda serq ta’ *mobile phone.*

Il-Qorti hija konxja li l-imputat huwa recidiv u tispjega illi r-recidiva fil-fatt hija cirkostanza merament personali u ma ghandha ebda referenza ghal kontenut objettiv la tar-reat precedenti [kif donnha sostniet id-Difiza] u lanqas tar-reat attwali [kif fissret il-Prosekuzzjoni]. L-andament fil-piena ghandu rapport biss mal-personalita’ tal-hati u jgib r-raguni tieghu fil-persistenza tal-hati fid-delinkwenza.

L-imputat huwa akkuzat li hu recidiv taht l-**Artikolu 289 tal-Kapitolu 9** li jistabilixxi konsegwenzi w effetti legali ta’ meta wiehed ikun gia gie kkundannat ghal reat jerga’ jigi, kkundannat ghal reat iehor u dan minghajr ebda limitazzjonijiet ta’ zmien.

**L-Artikolu 289 tal-Kapitolu 9** jitkellem, f'parti specjali jew espressa tal-Kodici Kriminali li permezz tieghu ma hemm ebda limitazzjoni ta' zmien kuntrarjament ghar-recidiva taht l-**Artikoli 29 u 50 tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta’ Malta. Din hi disposizzjoni specjali f'kaz tat-tieni kundanna ghal kommissjoni ta’ reati tan-natura stabbilita f'dan l-artikolu.

L-effetti tar-recidiva ma huwiex li l-istess persuna qed tigi punita darbtejn fuq xi reat antecedenti li fuqu tkun gia giet moghtija piena, izda li fil-fatt dik l-istess persuna qed tigi punita ghal fatt gdid b'mod aktar sever u differenti minn persuna li tkun qed tigi punita ghall-istess fatt, izda ghall-ewwel darba u bla precedenti.

Il-Qorti temmen li kull sitwazzjoni hija reversibbli salv ghal dik ta’ mewt u din il-Qorti hija propensa li taghti opportunita’ ohra lil-imputat purche’ din tkun l-ahhar wahda u li tali opportunita’ tkun marbuta ma’ diversi kundizzjonijiet. Il-Qorti temmen li tista’ titfacca fil-hajja ta’

din il-persuna "*a window of opportunity"* li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' pieni u dak hu proprju dak li gara f'dan il-kaz. Kif jispjega David Thomas fil-ktieb tieghu ***Principles of Sentencing*** (Heinemann, London, 1979):

"The probation order is clearly the most important individualized measure available to a sentencer. It is not limited to any one group of offenders; as the discussion in chapter one illustrates, probation is used to deal with recidivists of mature age as well as the young and those of good character" (p. 236).

Fis-seklu li ghadda pero', w fl-ewwel parti ta' dan, spikkat l-importanza ta' dak li hu maghruf bhala *treatment and rehabilitation* ta' min ikun kiser l-Ligi. F'dan il-process, sfortunatament kien hemm ukoll min beda jemmen li l-element tad-deterrent huwa ineffikaci anke jekk effettivament ebda sistema legali m'abbandunat il-kuncett tad-deterrent bhala wiehed mill-aspetti inerenti ghal piena fis-sistema penali. Illum, specjalment wara s-snin sittin, l-interess fl-aspett tal-piena bhala deterrent rega' beda jigi studjat u ricerkat u fil-fatt illum hemm l-iskola noe-klassika fix-xjenza tal-kriminologija li taghti mportanza ghall-aspett tad-deterrent, ghalkemm fl-ebda hin ma gie accettat li huwa sewwa li jinghataw sentenzi ezemplari li aktar milli jistghu iservu bhala deterrent ghal haddiehor, ghandhom effett li jippunixxu lil hati b'certa severita' li taht kull cirkostanza ma tistax hlief tigi konsidrata eccessiva precizament ghax trid isservi ta' ezempju ghal haddiehor.

In realta', din il-Qorti tirrileva li s-severita' tal-piena ghal dak li huwa deterrent, hija espressa fil-misura tal-piena li tistabilixxi l-ligi stess, u fejn hemm minimu w massimu dan qieghed hemm biex il-Qorti tuza w timmizura l-gudizzju taghha tenut kont tal-fatti specie w gravita' partikolari tal-kaz, tac-cirkostanzi relattivi ghall-hati w ta' fatturi w cirkostanzi ohra li fix-xjenza kriminologika w dik ta' penologija huma accettati bhala li ghandhom jindirizzaw lill-Qorti tiddeciedi kif ghandha tittratta mal-individwu li jkun instab hati. Il-piena pero' m'ghandhiex tkun mizurata

b'mod li l-hati jhallas b'piena akbar biex isservi ta' ezempju ghal haddiehor.

**Illi ghalhekk fic-cirkostanzi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261(f) u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddecidi li issib lill-imputat ALEXANDER ANGILERI hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu u tiddikjara li fir-rigward tal-akkuza ta' serq aggravat bil-hin u talli huwa recidiv, il-Qorti qed issibu hati u qed tpoggih taht ordni ta' probation ghall-perjodu massimu permess mill-ligi ta' tliet (3) snin ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u dan skond id-digriet hawn anness.**

**Fir-rigward tal-akkuza li huwa kiser il-probation order moghtija fl-14 ta' Dicembru 2010, il-Qorti rat li din is-serqa odjerna hija wahda zghira u ghalhekk fid-dawl ta' dak li intqal aktar 'il fuq qieghda tippunixxi lill-imputat billi tikkundannah multa ta' mitejn u tlieta u tletin Ewro (€233).**

Il-Qorti tghamilha cara ma' l-imputat li jekk ma jaghrafx juzufruwixxi ruhu minn din l-ahhar opportunita' huwa sejjer ibati il-konsegwenzi taghha una volta jerga' jidher quddiemha b'xi ksur ta' kundizzjoni tal-probation order.

Din il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lill-imputat u x'jigri jekk huwa jonqos li josserva parti minnha jew jekk jikkommetti reat ta' natura volontarja waqt id-durata tal-probation order.

Il-Qorti ordnat li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Probation Services bil-ghan li jigi nominat kandidat idejali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------